MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2012

Appell Kriminali Numru. 495/2010

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Mark Muscat**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli meta b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda ghax-xhur ta' April 2010, Mejju 2010 u Gunju 2010 meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil Carmen Muscat u/jew lil uliedhom is-somma fil-gimgha ffissata minn xi Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha w/jew ghall-ulied fi zmien hmistax il-jum minn dak li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-15 ta' Novembru, 2010, li biha,

wara li rat l-artikoli 338(z), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-appellant hati u ghaldaqstant ikkundannatu gimghatejn detenzjoni.
Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fid-19 ta' Novembru 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma kwantu ghal htija w thassaraha w tirrevokaha kwantu ghal piena billi tinfliggi piena anqas harxa.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-
Li l-appellant ammetta l-akkuzi dedotti kontra tieghu. Illi jinghad li fic-cirkostanzi l-piena nflitta ta' detenzjoni hija wahda harxa wisq fic-cirkostanzi u dana peress li l-appellant ma hallasx il-manteniment lil martu peress li huwa gia qed isib diffikulta` kbira hafna biex ihallas lil banek l-ammont ta' Euro 2,700 fix-xahar. Illi dan l-appellant qed jaghmlu minhabba debitu li l-konjugi ghandhom fuq zvilupp ta' blokka flats fix-Xemxija. Illi kemm il-darba l-appellant jieqaf ihallas dan id-dejn, il-bini tal-konjugi jkun ppregudikat. Illi ghalhekk huwa ovvju li permezz ta' dan il-hlas, l-arretrati tal-manteniment tas-sinjura Muscat ser ikunu garantiti meta tigi likwidata l-komunjoni tal-akkwisti. Illi dana kollu qed jinghad ghal finijiet ta' piena ghaliex ghal min qed jaghmel bhal l-appellant f'pagamenti hekk kbar fix-xahar mhux gust li mbaghad propju minhabba martu stess jigi kkundannat piena ta' habs. Illi fit-trattazzjoni tal-piena anke l-parte civile qablet li mhux idonju li l-appellant jigi kkundannat piena karcerarja, izda sfortunatament l-Ewwel Qorti xorta tat is-sentenza li tat.

Ikkunsidrat:

Illi rrizulta mill-provi illi bejn il-partijiet hemm process ta' separazzjoni. Il-kawza kienet ghadha pendenti u l-

appellant kellhu ordni sabiex ihallas manteniment lil martu. Jidher illi fix-xhur bejn Dicembru ta’ l-2009 u Jannar ta’ l-2010 huwa naqas milli jhallas lil martu Carmen Muscat l-ammont dovuti lilha. L-appellant gab bhala skuza il-fatt illi hemm xi loans dovuti lil banek ghal xi propjeta tal-komunjoni u peress illi hallas ukoll is-sehem tal-mara, allura gie illi huwa hallas aktar milli dak dovut ghal manteniment. L-ewwel Qorti pero ma qaditx ghal din l-iskuza. Sabet lill-appellant hati u kkundannatu ghal gimgha detenzzjoni. Fil-mori ta’ din il-kawza pero jidher illi l-partijiet solvew ir-regim patrimonjali ta’ bejniethom. Tant hu hekk illi l-verbal tad-9 ta’ Dicembru 2011 gie rregistrat li l-avukati qed jinfurmaw lil Qorti, illi l-appellant wasal fi ftehim mal-Parti Civili u ser isir kuntratt formali ta’ separazzjoni konsenswali fejn il-partijiet ser jirregolarizzaw il-pendenzi ta’ bejniethom. I-difiza iddikjarat illi qed tillimita r-rikors ta’ l-appell taghha ghal piena biss.

Ikkunsidrat:

Illi meta inghatat is-sentenza fil-konfront ta’ l-appellant fil-15 ta’ Marzu 2010, l-appellant kien fil-ksur ta’ Ligi, l-ewwel Qorti ghamlet sew illi ikkundannat lil l-appellant ghal piena li ikkundannatu. Tajjeb jew hazin l-appellant kellu fil-konfront tieghu ordni ta’ manteniment li kellha tigi obduta u minghajr awtorizzazjoni tal-Qorti ma kellu l-ebda dritt illi jaghzel il-prijoritajiet tieghu lil min kellu jhallas a skapitu ta’ min. jekk l-appellant dehrlu li ma kienx f’pozizzjoni li jibqa jhallas il-manteniment kif stipulat allura messu adixxa lil Qorti kompetenti sabiex tirriduci l-ammont jew tirrevedi l-ammont dovut biex ikun jista’ jaqdi ahjar l-esigenzi finanzjarji tieghu. La dan ma ghamlux allura kien fil-ksur tal-Ligi u l-Qorti kienet legalment korretta meta kkundannatu.

Pero` din il-Qorti m’ijhiex insensittiva ghal fatt illi fil-mori ta’ dawn il-proceduri il-partijiet irrangaw il-pendenzi ta’ bejniethom. Dan huwa ta’ gid ghall-istess partijiet kif ukoll kien l-iskop ta’ legistratur meta introduca l-kontravenzjoni fil-Kodici Kriminali fin-1983. Fil-kawza “Pulizija vs Publius Said” (25 ta’ Settembru 2003) il-Qorti qalet ‘L-iskop ta’

legistratur meta introduca din il-kontravenzjoni fil-Kodici Kriminali fin-1983 (bl-ammenda tan-1986), kien li issir pressjoni fuq id-debitur rikalcitranti biex jonoraw l-obbligi taghhom u mhux biss biex timponixxi l-ksur ta' l-ordnijiet, digrieti jew sentenzi tal-Qorti, ordnijiet li ghandhom dejjem jigu osservati skrupolozament, jew il-ksur ta' stipulazzjonijiet kontrattwali bejn il-konjugi. F'dan il-kaz, dan il-ghan intlahaq u ghalhekk hemm lok ta' temperament fil-piena…' Dan huwa propju dak li gara f'dan il-kaz u ghalhekk din il-Qorti thoss li ghandu jkun hemm dan it-temperament.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' l-appell, tikkonferma s-sentenza ta' l-ewwel Qorti fejn sabet il-htija izda tvarjha u tirriforma l-istess sentenza ghal dak li jirrigwarda l-piena u minflok tillibera lil l-appellant taht il-provedimenti ta' l-Artiklu 22 tal-Kap 446 bil-kondizzjoni li ma jghamilx reat iehor fiz-zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------